

31990L0088

10.3.1990

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 61/14

**ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL****tat-22 ta' Frar 1990****li temenda d-Direttiva 87/102/KEE għall-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri li jikkonċernaw il-kreditu tal-konsumatur**

(90/88/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ekonomika Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 100a tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni <sup>(1)</sup>,

Fkoperazzjoni mal-Parlament Ewropew <sup>(2)</sup>,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali <sup>(3)</sup>,

Billi l-Artikolu 5 tad-Direttiva tal-Kunsill 87/102/KEE <sup>(4)</sup> jipprovdi għall-introduzzjoni ta' metodu jew metodi għall-kalkolazzjoni tar-rata annwali perċentwali ta' ħlas tal-kreditu tal-konsumatur fil-Komunità.

Billi huwa mixtieq, sabiex jitmexxa t-twaqqif u l-iffunzjonar tas-suq intern u sabiex ikun żgurat li l-konsumaturi jibbenefikaw minn livell għoli ta' protezzjoni, għandu jintuża metodu wieħed biex tiġi kkalkulata l-imsemmija rata perċentwali annwali ta' ħlas matul il-Komunità kollha.

Billi huwa mixtieq, bil-ħsieb li jiġi introdott dan il-metodu u in konformità mad-definizzjoni ta' l-ispiża totali ta' kreditu lill-konsumatur, li titlesta formula matematika waħda sabiex tiġi kkalkulata r-rata perċentwali annwali ta' ħlas u sabiex jiġu ddeterminati l-items ta' spiża ta' kreditu użati fil-kalkolazzjoni billi jindikaw dawk l-ispejjeż li m'għandhomx jingħaddu;

Billi, waqt perjodu ta' transizzjoni, l-Istati Membri li qabel id-data ta' notifika ta' din id-Direttiva, japplikaw liġijiet li jippermettu l-użu ta' formula matematika oħra għall-kalkolazzjoni tar-rata annwali perċentwali ta' ħlas jistgħu jkomplu jintużaw dawn il-liġijiet;

Billi, qabel ma jiskadi l-perjodu transizzjonali u fid-dawl ta' l-esperjenza, il-Kunsill ser, abbażi ta' proposta mill-Kummissjoni, jieħu deċiżjoni li għandha tagħmilha possibbli li tiġi applikata formula matematika waħda tal-Komunità;

Billi huwa xieraq, meta meħtieġ, li jiġu adottati ċerti ipotesi għall-kalkolazzjoni tar-rata perċentwali annwali ta' ħlas;

Billi minħabba n-natura speċjali ta' self iggarantit b'ipoteka assikurata fuq proprjetà immobbli huwa mixtieq li dan il-kreditu jkompli jkun parzjalment eskluż minn din id-Direttiva;

Billi l-informazzjoni li għandha tintbagħat lill-konsumatur fil-kuntratt bil-miktub għandha tkun amplifikata,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

Id-Direttiva 87/102/KEE hija b'dan emendata kif ġej:

1. Fl-Artikolu 1(2), punti (d) u (e) għandu jinbidel b'dan li ġej:

“(d) ‘l-ispiża totali tal-kreditu lill-konsumatur’ tfisser l-ispejjeż kollha, li jinkludu l-interessi u spejjeż oħra, li l-konsumatur għandu jħallas għall-kreditu.”;

(1) ĠU C 155, ta' l-14.6.1988, p. 10.

(2) ĠU C 96, tas-17.4.1989, p. 87 u ĠU C 291, ta' l-20.11.1989, p. 50.

(3) ĠU C 337, tal-31.12.1988, p. 1.

(4) ĠU L 42, tat-12.2.1987, p. 48.

“(e) ‘Rata perċentwali ta’ ħlas’ tfisser l-ispiża totali tal-kreditu lill-konsumatur, espressa bħala l-persentaġġ annwali ta’ l-ammont ta’ kreditu mogħti u kkalkulat in konformità ma’ l-Artikolu 1a.”.

## 2. Għandu jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

“L-Artikolu 1a

1. (a) Ir-rata annwali perċentwali ta’ ħlas, li għandha tkun dik l-ekwivalenti, fuq bażi annwali, għall-valur preżenti ta’ l-impennji kollha (self, ħlas lura u imposti), futuri jew eżistenti, miftehmin mill-kreditur u min jissellef, għandhom jiġu kkalkulati in konformità mal-formula matematika msemmija fl-Anness II.

(b), B’mod illustrazzjoni ta’ Fl-Anness III jingħataw erba’ eżempji tal-metodu ta’ kalkolazzjoni.

2. Għall-għan ta’ kalkolazzjoni tar-rata perċentwali annwali ta’ ħlas, l-‘ispiża totali ta’ kreditu lill-konsumatur’ kif definit fl-Artikolu 1(2)(d) għandha tiġi ddetminat, bl-eċċezzjoni ta’ l-imposti li ġejjin:

(i) imposti pagabbli lil min jissellef għal nuqqas ta’ konformità ma’ kull waħda mill-impennji mniżżla fil-ftehim ta’ kreditu;

(ii) imposti altru mill-prezz tax-xiri li, fix-xiri ta’ oġġetti jew servizzi, il-konsumatur huwa obbligat li jħallas sew jekk it-transazzjoni titħallas bil-flus jew bil-kreditu;

(iii) imposti għat-trasferiment ta’ fondi u spejjeż għaż-żamma ta’ kont maħsub li jirċievi pagamenti għall-ħlas lura tal-kreditu, il-ħlas ta’ interessi u kontijiet oħra ħlief fejn il-konsumatur m’għandux libertà ta’ għażla raġġonevoli fil-materja u fejn dawn l-imposti huma għoljin immens; din id-dispożizzjoni m’għandhiex, madanakollu, tapplika għal imposti għall-ġbir ta’ dawn ir-rimborżi jew ħlas, sew jekk isiru bil-flus jew b’mod ieħor;

(iv) sottoskrizzjonijiet ta’ sħubija ma’ assoċjazzjonijiet jew gruppi u li joriġinaw minn ftehim separat mill-ftehim tal-kreditu, anke jekk dawn is-sottoskrizzjonijiet għandhom effett fuq it-termini ta’ kreditu;

(v) imposti għall-assigurazzjoni jew garanziji; inklużi huma, madanakollu, dawk maħsuba biex jiżguraw il-ħlas lill-kreditur, fl-eventwalità ta’ mewt, invalidità, mard jew qgħad tal-konsumatur, ta’ somma daqs jew anqas mill-ammont totali flimkien ma’ l-interessi rilevanti u kontijiet oħra li għandhom jiġu imposti mill-kreditur bħala kondizzjoni għall-kreditu li jingħata.

3. (a) Fejn it-transazzjonijiet ta’ kreditu li saret referenza għalihom f’din id-Direttiva huma suġġett għad-dispożizzjonijiet tal-liġijiet nazzjonali fis-seħħ fl-1 ta’ Marzu 1990 li jimponu limiti massimi fuq ir-rata perċentwali annwali ta’ ħlas għal dawk it-transazzjonijiet u,

fejn dawk id-dispożizzjonijiet jippermettu spejjeż *standard* altru minn dawk deskritti fil-paragrafu 2 (i) sa (v) li ma jkunux inklużi f’dawk il-limiti massimi, l-Istati Membri jistgħu, fir-rigward ta’ dawn it-transazzjonijiet biss, ma jinkludux l-ispejjeż imsemmijin hawn fuq meta jkunu qegħdin jikkalkulaw ir-rata annwali perċentwali ta’ ħlas, kif stipulat f’din id-Direttiva, sakemm hemm ħtieġa, fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 3 u fil-ftehim tal-kreditu, li l-konsumatur ikun infurmat dwar l-ammont u l-inklużjoni ta’ dan fil-pagamenti li jridu jsiru.

(b) L-Istati Membri ma jistgħux jibqgħu japplikaw il-punt (a) mid-data ta’ dħul fis-seħħ tal-formula matematica waħdanija għall-kalkolazzjoni tar-rata annwali perċentwali ta’ ħlas fil-Komunità, skond id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 5 (ċ).

4. (a) Ir-rata annwali perċentwali ta’ ħlas għandha tiġi kkalkulata fil-ħin li jkun konkluż il-kuntratt ta’ kreditu, min-għajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta’ l-Artikolu 3 li jikkonċerna riklamar u offerti speċjali.

(b) Il-kalkolazzjoni għandha ssir fuq il-preżunzjoni li l-kuntratt ta’ kreditu huwa validu għall-perjodu miftiehem u li l-kreditur u l-konsumatur jaderixxu ma’ l-obbligi tagħhom taħt it-termini u d-dati miftiehma.

5. (a) Bħala miżura transizzjonali, minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 (1), l-Istati Membri li, qabel l-1 ta’ Marzu 1990, applikaw dispożizzjonijiet legali fejn setgħet tintuża formula matematika differenti minn dik mogħtija fl-Anness II għall-kalkolazzjoni tar-rata annwali perċentwali ta’ ħlas, jistgħu jibqgħu jużaw dik il-formula fit-territorju tagħhom għal perjodu ta’ tliet snin li jibdeu mill-1 ta’ Jannar 1993.

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa sabiex jiżguraw li tintuża formula matematika waħda biss għall-kalkolazzjoni tar-rata annwali perċentwali ta’ ħlas fi ħdan it-territorju tagħhom.

(b) Sitt xhur qabel jiskadi l-limitu ta’ żmien imsemmi fil-punt (a) il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Kunsill rapport, akkumpanjat minn proposta, li għandha tagħmilha possibbli fid-dawl ta’ l-esperjenza, li tiġi applikata formula matematica waħdanija tal-Komunità għall-kalkolazzjoni tar-rata annwali perċentwali ta’ imposta.

(ċ) Il-Kunsill għandu, waqt li jaġixxi b’maġġoranza kkwalifikata abbażi tal-proposta mill-Kummissjoni, jieħu deċiżjoni qabel l-1 ta’ Jannar 1996.

6. Fil-każ ta’ kuntratti ta’ kreditu li jkun fihom klawsoli li jippermettu varjazzjonijiet fir-rata ta’ interessi u l-ammont jew livell ta’ imposti oħra li jinsabu fir-rata annwali perċentwali ta’ imposta iżda mhux ikkwantifikati fil-ħin meta ġiet ikkalkulata, ir-rata annwali perċentwali ta’ imposta għandha tiġi kkalkulata fuq il-preżunzjoni li l-interessi u imposti oħra jibqgħu fissi u japplikaw sat-tmiem tal-kuntratt ta’ kreditu.

7. Fejn meħtieġ, jistgħu jsiru l-preżunzjonijiet li ġejjin fil-kalkolazzjoni tar-rata annwali perċentwali ta' imposta:

- jekk il-kuntratt ma jispesifikax limitu ta' kreditu, l-ammont ta' kreditu mogħti għandu jkun daqs l-ammont iffissat mill-Istat Membru relevanti, mingħajr ma jaqbeż figura ekwivalenti għall-ECU 2 000;
- jekk m'hemm l-ebda skeda fissa għall-ħlas, u ma tkunx tista' titnaqqas waħda mit-termini tal-ftehim u l-mezzi li bihom jitħallas il-kreditu mogħti, it-tul tal-kreditu għandu jinftehem li hu ta' sena;
- kemm-il darba ma jkunx speċifikat mod ieħor, fejn il-kuntratt jipprovdni għal aktar minn data waħda għall-ħlas, il-kreditu għandu jsir disponibbli u l-hlaslura jsir fl-iqsar żmien li hemm ipprovdut għalih fil-ftehim”.

3. L-Artikolu 2(3) għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

“3. Id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 1a u ta' l-Artikoli mill-4 sat-12 m'għandhomx japplikaw għal ftehim ta' kreditu jew ftehim li jwiegħed li jingħata kreditu, assikurat minn ipoteka fuq proprjetà immobbli, safejn dawn m'humiex diġà esklużi mid-Direttiva taħt il-paragrafu 1 (a).”

4. Is-subparagrafu li ġej għandu jiżdied ma'l-Artikolu 4(2):

- “(c) prospett ta' l-ammont, numru u frekwenza jew dati tal-ħlas li l-konsumatur għandu jagħmel sabiex iħallas il-kreditu, kif ukoll tal-ħlas ta' l-imgħaxijiet u imposti oħra; l-ammont totali ta' dawn il-pagamenti għandu jkun indikat ukoll fejn huwa possibbli;
- (d) prospett tal-*cost items* li saret referenza għalihom fl-Artikolu 1 a (2) bl-eċċezzjoni ta' infieq relatat mal-ksur ta' l-obbligi kuntrattwali li ma kinux inklużi fil-kalkolazzjoni tar-rata annwali perċentwali ta' l-imposta iżda li għandhom jitħallsu mill-konsumatur f' ċirkus-

tanzi mogħtija, flimkien ma' prospett li jidentifika dawn iċ-ċirkostanzi. Fejn l-ammont eżatt ta' dawn l-affarijiet huwa magħruf, dik is-somma għandha tkun indikata; jekk dan m'huwiex il-każ, għandu jkun ipprovdut jew il-metodu ta' kalkolazzjoni jew stima preċiża kemm jista' jkun fejn possibbli”.

5. L-Artikolu 5 għandu jiħassar.

6. L-Anness għandu jsir l-Anness I u l-punt li ġej għandu jiżdied mal-paragrafu 1:

“(ix) l-obbligu fuq il-konsumatur li jfaddal ċertu ammont ta' flus li għandhom jitqiegħdu f'kont speċjali”.

7. L-Annessi II u III mhemuża hawnhekk għandhom jiġu miż-juda.

#### Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 1992 u għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar dan.

2. L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

#### Artikolu 3

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-22 ta' Frar 1990.

Għall-Kunsill

Il-President

D. J. O'MALLEY

L-ANNESS

"L-ANNESS II


**L-EKWAZZJONI BAŻIKA LI TESPRIMI L-EKWIVALENZA TA' SELF MIN-NAĦA WAĦDA, U L-ĦLAS LURA U IMPOSTI FUQ IN-NAĦA L-OĦRA:**

$$\sum_{K=1}^{K=m} \frac{A_K}{(1+i)^{t_K}} = \sum_{K'=1}^{K'=m'} \frac{A'_{K'}}{(1+i)^{t_{K'}}$$

Tifsir ta' ittri u simboli:

K huwa n-numru tas-self

K' huwa n-numru ta' ħlas jew ħlas ta' imposti

A<sub>K</sub> huwa l-ammont tas-self bin-numru KA'<sub>K'</sub> huwa l-ammont ta' ħlas bin-numru K
 tirrapreżenta somma

M huwa n-numru ta' l-aħħar self

m' huwa n-numru ta' l-aħħar ħlas jew ħlas ta' imposti

t<sub>K</sub> huwa l-intervall, espress fi snin u frazzjonijiet ta' sena, bejn id-data tas-self Nru 1 u dawk ta' self sussegwenti Nri 2 sa mt<sub>K'</sub> huwa l-intervall espress fi snin u frazzjonijiet ta' snin bejn id-data tas-self Nru 1 u dawk tal-ħlas jew il-ħlas ta' imposti Nri 1 sa m.

i huwa r-rata perċentwali li tista' tkun ikkalkulata (jew permezz ta' algebra, b'approssimazzjonijiet suċċessivi jew bi programm tal-kompjuter) fejn it-termini l-oħrajn fl-ekwazzjoni huma magħrufa mill-kuntratt jew b'mod ieħor.

Rimarki

- L-ammonti mħallsa miż-żewġ partijiet f'ħinijiet differenti m'humiex meħtieġa li jkunu ugwali u mhux meħtieġ li jitħallsu f'intervalli indaqs.
- Id-data tal-bidu għandha tkun dik ta' l-ewwel self.
- Intervalli bejn id-dati użati fil-kalkolazzjoni għandhom ikunu espressi fi snin jew fi frazzjoni ta' sena.

## L-ANNEX III

## EŻEMPJI TA' KALKOLAZZJONIJIET

**L-ewwel eżempju**

Somma mislufa  $S = \text{ECU } 1\,000$ .

Jitħallas f'pagament wieħed ta'  $\text{ECU } 1\,200$  magħmul tmintax-il xahar, i.e. sena u nofs, wara d-data tas-self.

$$\begin{aligned} \text{L-ekwazzjoni ssir: } 1000 &= \frac{1200}{(1+i)^{1,5}} \\ \text{jew } (1+i)^{1,5} &= 1,2 \\ 1+i &= 1,129243\dots \\ i &= 0,129243\dots \end{aligned}$$

Dan l-ammont għandu jitnaqqas għal 12,9 jew 12,92 % li jiddependi dwar jekk il-prattika abitwali tippermettix li l-perċentwali jiddawwar għall-ewwel jew it-tieni decimal.

**It-tieni eżempju**

Jekk is-somma miftiehma hija  $S = \text{ECU } 1\,000$  iżda l-kreditur jżomm  $\text{EUR } 50$  għal spejjeż ta' amministrazzjoni, għalhekk is-self huwa fil-fatt  $\text{ECU } 950$ ; il-ħlas lura ta'  $\text{ECU } 1\,200$ , kif jidher fl-ewwel eżempju, isir 18-il xahar mid-data tas-self.

$$\begin{aligned} \text{L-ekwazzjoni } 950 &= \frac{1200}{(1+i)^{1,5}} \\ \text{jew } (1+i)^{1,5} &= \frac{1200}{950} = 1,263157 \\ 1+i &= 1,16851\dots \\ i &= 0,16851\dots \text{ imdawwar għal } 16,9\% \text{ jew } 16,85\% \end{aligned}$$

**It-tielet eżempju**

Is-somma mislufa hija  $\text{ECU } 1\,000$ , li titħallas lura f'żewġ ammonti ta'  $\text{ECU } 600$ , imħallsin wara sena u sentejn rispettivament.

$$\text{L-ekwazzjoni ssir: } 1000 = \frac{600}{1+i} + \frac{600}{(1+i)^2}$$

tissolva permezz ta' l-algebra u tipproduċi  $i = 0,1306623$ , imdawwar sa 13,1 % jew 13,07 %.

**Ir-raba' eżempju**

Is-somma mislufa hija  $\text{ECU } 1\,000$  u l-ammonti li jridu jirhallsu minn min qiegħed jitlob:

Wara tlett xhur (0,25 snin)	272 ECU
Wara sitt xhur (0,50 snin)	272 ECU
Wara tnax-il xahar(sena) (1 snin)	544 ECU
Total	1 088 ECU

L-ekwazzjoni ssir:

$$1000 = \frac{272}{(1+i)^{0,25}} + \frac{272}{(1+i)^{0,50}} + \frac{544}{1+i}$$

Din l-ekwazzjoni tippermetti li i jiġi kkalkulat minn approssimazzjonijiet, li tista' tiġi pprogrammata għal ġo komputer.

Ir-riżultat huwa:

$i = 0,1321$  imdawwar għal 13,2 jew 13,21 %."